# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 3 ta’ Gunju 2002**

**Avviz. numru 1018/99**

**Numru 31**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Noel Buhagiar**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u wiehed u tmenin liri Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm281.33) bilanc ta‘ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mit-13 ta’ Awissu 1997 sat-18 ta’ Gunju 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 11 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-29 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm281.33,0 bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Lulju 1999 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur